# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 925/17/1 TA**

**Anna Vassallo ġja Spiteri**

**v.**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi minn żewġ digrieti preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Mejju, 2022 u s-27 ta' Ġunju, 2022 u minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Jannar, 2023, li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra li

kien fadal, billi dawn kienu ġew ċeduti fil-mori tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Ottubru, 2017 l-attriċi fissret li hija u l-konvenut iżżewġu fid-19 ta' Diċembru, 1980 u sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku tal-5 ta' Marzu, 2002. Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt, il-partijiet kienu megħjuna minn avukat wieħed.

3. Tgħid li rriżulta li qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenut kien sar missier ta' tarbija minn mara oħra. Tisħaq li dan il-fatt kien mistur minnha u saret taf bih ftit qabel il-ftuħ tal-kawża tal-lum. Hija ssostni li kieku kienet taf b'dan ma kinitx tagħti l-kunsens tagħha għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni fuq imsemmi.

4. Tgħid li dan huwa tradiment tal-konvenut u dan il-fatt sostanzjali jaffettwa kemm il-patrimonju tagħha kif maqbul fil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u jaffettwa wkoll il-patrimonju ereditarju taż-żewġt ulied tagħha miegħu.

5. Tkompli li l-konvenut ħeba minnha dawn il-fatti sostanzjali li jolqtu l-materja tal-kuntratt ta' separazzjoni billi huwa kien jaf li l-kuntratt ta' separazzjoni ma kienx ikun aċċettabbli għaliha li kieku kienet taf bihom.

B'hekk l-attriċi tgħid li l-kunsens tagħha għall-kuntratt imsemmi nkiseb b'għemil qarrieqi min-naħa tal-konvenut; kif ukoll, il-kunsens tagħha ġie mogħti bi żball dwar fatti li jaffettwaw is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim. Tgħid li hija diġà ġarrbet ħsara minħabba dan kollu u se tibqa' ġġarrabha u għal dan jaħti l-konvenut. Għaldaqstant hija ssostni li l-kuntratt imsemmi huwa null u bla effett u hija għandha dritt titlob li jiġi rexiss.

6. L-attriċi għaldaqstant fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1.Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kunsens tal-esponenti fuq l-att ppublikat min-nutar Dottor Ivan Barbara tal-ħamsa (05) ta' Marzu elfejn u tnejn (2002) ġie karpit b'għemil doluż da parti tal-intimat u/jew li l-kunsens ta' l-esponenti ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim;*
>
> *2. Tiddikjara null u bla effett fil-Liġi l-att ta' separazzjoni tal-partijiet ippublikat min-nutar Dottor Ivan Barbara tal-ħamsa (05) ta' Marzu elfejn u tnejn (2002);*
>
> *3. Tiddikjara konsegwentement rexiss l-att ta' separazzjoni tal-partijiet ippublikat min-nutar Dottor Ivan Barbara tal-ħamsa (05) ta' Marzu elfejn u tnejn (2002) ai fini u effetti kollha tal-Liġi;*
>
> *4. Tiddikjara l-intimat unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attriċi kaġun tal-aġir qarrieqi, abbużiv u illegali da parti tal-intimat;.*
>
> *5. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont ta' danni sofferti mill-attriċi.*
>
> *6. Tordna lill-intimat iħallas lill-attriċi d-danni kollha hekk likwidati fit-talba preċedenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa inġunt in subizzjoni".*

7. Il-konvenut ippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fis-16 ta'

Novembru, 2017 li permezz tagħha wieġeb:

*"1. Illi preliminarjament huwa qed jagħti ruħu notifikat bir-rikors ġuramentat u bid-dokumenti annessi mal-istess rikors ġuramentat b'effett mil-lum.*

*2. Illi it-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*a) Illi l-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Dottor Ivan Barbara ġie awtorizzat mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili llum Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja). Dok A.*

*b) Illi l-istess kuntratt huwa validu anke għall-attriċi, tant li kien bis-saħħa tal-istess kuntratt l-attriċi applikat u ottjeniet id-divorzju permezz ta' sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) deċiż fil-25 ta' Mejju 2017 rik nru 97/17 AL (kopja rikors u sentenza annessi Dok B u Dok C rispettivament).*

*ċ) Illi kien biss meta l-esponenti intavola proċeduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Kawża 35/17 AL fl-ismijiet Mario Spiteri v. Anna Spiteri li permezz tagħha talab li jiġi ddikjarat li l-attriċi kissret id-dispożizzjonijiet tal-klawsola numru disgħa (9) tal-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet tal-5 ta' Marzu 2002 atti Nutar Ivan Bartolo stante li hija kienet qed tgħix fil-fond proprjetà in komuni tal-partijiet li jinsab numru erbatax(14) Triq is-Sajf Mosta ma' raġel ieħor ċertu Olaf Cini li l-attriċi intavolat dawn il-proċeduri.*

*d) Illi l-kuntratt ta' separazzjoni de quo tant huwa validu għall-attriċi li anke fir-risposta ġuramentata tagħha hija eċċepiet li "Illi l-kuntratt ta' separazzjoni msemmi jagħti drittijiet lill-konvenuta li għadhom ser jibqgħu viġenti u dan kif ser jiġi trattat waqt il-kawża. Dok D u Dok E-rikors ġuramentat kawża numru 35/17AL u risposta ġuramentata tal-attriċi annessi.*

*e) Illi t-talba għar-rexissjoni tal-kuntratt de quo hija preskritta bil-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:*

> *"l-azzjoni għar-rexissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn."*

*U l-artikolu 1223(1) tal-Kap 16 jgħid hekk:*

> *"Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispiċċa u fil-każ ta' żball, ta' egħmil doluż jew ta' kawża falza minn dakinhar li jinkixef id-difett."*

*Illi ma jistax ikun għalhekk li l-attriċi saret taf bih (recte: b') din l-allegazzjoni falza dan l-aħħar u l-esponenti qed jirriżerva minn issa li jitlob proċeduri kontra l-attriċi għal ġurament falz)*

*f)Illi minkejja li l-esponenti jiċħad bil-qawwa kollha li huwa missier ta' tarbija minn mara oħra u anke lest li jsir test tad-DNA a spejjeż tal-attriċi meta hija tiddikjara bil-ġurament għal liema tarbija qed tallega fir-rikors ġuramentat tagħha, huwa jirrileva li l-attriċi ilha sejra b'din il-kantaliena mis-sena elfejn u erbgħa (2004) kif jidher mill-affidavits ta' ulied il-partijiet Gillian Cousin u Melissa Debono hawn annessi u markati Dok F u Dok G rispettivament.*

*g) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut ma eżerċita ebda qerq, dolo jew 'mala fede' fil-konfront tal-attriċi tant li lanqas fl-istess rikors ġuramentat ma ssir ebda referenza għal liema rappreżentazzjonijiet foloz, artifiżi frawdolenti u raġġiri gravi u determinant ġew mwettqa mill-intimat b'qerq tal-istess attriċi u kif inhu meħtieġ għas-suċċess ta' tali kawżali ta' nullità. Fil-fatt kienet l-istess attriċi li bil-bwona volontà kollha tagħha ssottoskriviet validament għal dan il-kuntratt ta' separazzjoni tant li kienet l-attriċi li għażlet lill-avukat Dr Joseph Brincat li dejjem hija ħadmet bih u li kien Dr Joseph Brincat li rrikomandahom lin-nutar Ivan Barbara u ġie ngaġġat dan in-nutar fuq rakkomandazzjoni tal-avukat Brincat biex jippubblika l-kuntratt.*

*Kienet l-attriċi li ħadet lill-esponenti għand l-avukat tagħha Dr Joseph Brincat, kien l-istess avukat li abbozza l-kuntratt u fehmu lill-partijiet, kien l-istess avukat li għaddih lin-nutar u kien l-Imħallef Tonio Mallia dak iż-żmien imħallef tas-Sekond Awla li kellem lill-partijiet u awtorizza tali kuntratt.*

*h) Illi wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess lanqas ma jeżisti ebda żball da parti tal-attriċi fil-mod li din iddeportat [sic] ruħha fil-konfront tal-intimat wisq anqas xi żball li huwa sostanzjali, skużabbli u determinant li jirrendu l-kuntratt ta' separazzjoni null u bla effett.*

*i) Illi lanqas ma jeżisti ebda nuqqas ta' forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-kuntratt ta' donazzjoni wieħed null u bla effett. Id-dispożizzjoni tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ġew ukoll skrupolożament segwiti mill-avukat Joe Brincat meta l-partijiet dehru quddiem l-Imħallef Tonio Mallia sabiex l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni jiġi awtorizzat u min-Nutar li ppubblika l-att.*

*j) Illi lanqas ma teżisti ebda raġuni għar-responsabbiltà, likwidazzjoni u ħlas ta' danni anzi semmai huwa l-esponenti li qed isofri danni meta l-attriċi qed tagħmel din il-kawża b'malizja u bi premessi foloz sabiex tibqa tgħix fid-dar li hija proprjetà komuni bejn il-partijiet.*

*3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*4. Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kawża għad-danni sofferti mill-konvenut".*

8. Qaqbelxejn jingħad li permezz tad-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi mressqa fl-1 ta' Diċembru, 2021 sabiex isir eżami tad-DNA b'żewġ kampjuni, wieħed għall-Qorti u l-ieħor biex iżżommu hija bħala kontroll.

9. Permezz tad-digriet tas-27 ta' Ġunju, 2022 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi mressqa fl-10 ta' Mejju, 2022 sabiex hija tingħata l-permess tappella d-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022.

10. Fid-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Jannar, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel tliet talbiet attriċi, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra li kien fadal, billi dawn kienu ġew ċeduti fil-mori tal-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

11. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti fis-sentenza tat-12 ta' Jannar, 2023[1] li wassluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*"**Punti ta' fatti***

*Il-partijiet iżżewwġu fid-19 ta' Diċembru 1980 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ivan Barbara tal-5 ta' Marzu 2002. Bħala fatt jirriżulta wkoll li dak iż-żmien il-partijiet kienu assistiti mill-istess avukat.*

[1] Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjonijiet li tat fid-digrieti preliminari se ssir referenza għalihom aktar 'il quddiem.

*L-Attriċi tilmenta, li ftit qabel ma ffirmat dak il-kuntratt, l-Attur kien sar missier ta' tarbija minn mara oħra. Hi tgħid li f'dak il-mument dan il-fatt kien mistur minnha. Tgħid li saret taf b'dan "dan l-aħħar" jiġifieri fl-epoka meta għamlet din il-Kawża fid-9 ta' Ottubru 2017.*

*L-Attriċi qed issotni, li tħossha li ġiet traduta u li kienet taf b'dan il-fatt, ma kinitx tiffirma s-separazzjoni personali bit-termini tal-kuntratt fuq imsemmi (a fol 3). Għalhekk qed issostni, li l-kunsens tagħha kien karpit b'għemil doluż da parti tal-konvenut u/jew mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim. Għalhekk għamlet din il-Kawża.*

***<u>Punti ta' liġi</u>***

*Kif anke jirriżulta mit-talbiet, l-Attriċi qiegħda timmira li tottjeni minn din il-Qorti dikjarazzjoni fis-sens, li meta hi prestat il-kunsens tagħha għall-kuntratt ta' separazzjoni minn mal-konvenut tal-5 ta' Marzu 2002 fl-atti tan-nutar Ivan Barbara, dan kien meħud b'għemil doluż prattikat mill-konvenut jew li ġie mogħti bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett mertu ta' dak il-kuntratt, u li għalhekk dan huwa null.*

*Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li: "Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa".*

*Dwar x'jikkostitwixxi għemil doluż artikoli 981 jispjega hekk :*

> *"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat."*

*Fil-waqt li artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li: "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nnfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim."*

*…..*

***<u>Ikkunsidrat</u>***

*Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim, il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra jekk l-Attriċi rnexxilhiex bl-azzjoni tagħha fid-dawl tal-provi prodotti, tilħaq il-miri fit-talbiet li għamlet.*

*Jibda biex jiġi rilevat, li l-mod kif l-Attriċi kkonduċit it-trattazzjoni tal-Kawża, b'bidla kontinwa ta' avukati fil-perkors tagħha, b'talbiet kontinwi, ġieli anke li jikkontradixxu dak li tkun talbet jew ivverbalizzat qabel, u bil-mod kif ġabet ruħha tul din il-Kawża, it-trajettorja li ħadet din il-Kawża kienet waħda penuża ħafna u ħolqot diffikultajiet lil din il-Qorti biex tifhem eżatt fejn riedet tasal l-Attriċi. Għalhekk huwa neċessarju, anke għall-aħjar apprezzament ta' dak li ser jingħad li jiġi rintraċċjat*

*anke b'mod kronoloġiku l-mod erratiku tal-Attriċi f'din il-Kawża.*

*Il-fondamenti tal-kawża jistrieħu fuq il-prova li t-tifla Sarah Ebejer, li qatt ma kienet parti f'din il-Kawża, hija l-wild bijoloġiku tal-konvenut. Fil-fatt, din hija l-allegazzjoni prinċipali tal-Attriċi, għaliex issostni li din il-wild minn mara oħra ma kinitx taf bih, għaliex altrimenti ma kinitx tiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*F'verbal l-Attriċi ddikjarat li din it-tarbija hija Sarah Ebejer li twieldet fit-28 ta' Jannar 2002 minn Eunice Ebejer (ara verbal a fol 42). Dan jirriżulta anke miċ-ċertifikat tat-twelid, li juri li missierha huwa Robert Ebejer, li wkoll ma kienx parti għal din il-Kawża (a fol 59).*

*L-Attriċi ressqet lil Chris Farrugia ta' ConsultaDNA biex tipprova l-allegazzjoni tagħha. Dan ix-xhud ma jiftakar xejn dwar it-test li ġie mitlub jixhed dwaru. Il-mistoqsija saritlu kienet dwar Sarah Briffa u mhux Ebejer, kif tissemma fil-verbal u ċertifikat fuq imsemmija. Fis-26 ta' Frar 2018, reġa' ressqet lil Chris Farruġia u apparti li reġa' qal li ma rriżultalu xejn, iddikjara li lill-konvenut jafu biss bħala personalità fuq it-TV u li qatt ma rah fil-klinika tiegħu. (ara a fol 56).*

*Il-konvenut esebixxa DNA test ta' BioDNa fejn Dr. Maria Cassar ikkonkludiet li l-probabbilità li l-missier bioloġiku ta' Sarah Ebejer huwa l-konvenut hija żero. Dan ikkonfermatu anke bil-ġurament (a fol 62 ara affidavit a fol 63). Din il-persuna qatt ma ġiet kontroeżaminata mill-Attriċi.*

*Fis-seduta tad-9 ta' April 2018 Dr. Mark Mifsud Cutajar talab li din il-kawża tistenna kawża oħra li għamlet l-Attriċi kontra l-konvenut Rik 272/17AL peress li pronunzjament f'dik il-kawża ser jinċidi direttament fuq din il-Kawża u għaliex ukoll li din il-Qorti mhijiex adita biex tiddeċiedi dwar il-paternità o meno tat-tarbija inkwistjoni (a fol 67 enfasi tal-Qorti). Din it-talba saret għaliex fil-Kawża inkwistjoni, li saret mill-Attriċi, kellu jsir test tad-DNA tal-persuna ta' Sarah Ebejer li l-ħin kollu tissemma f'din il-Kawża. Talba li kjarament timplika li l-provi dwar DNA f'dik il-Kawża kellha tkun prova f'din il-Kawża. Din il-Kawża ċedietha fil-mori ta' din il-Kawża.*

*Il-Profs Renald Blundell, maħtur espert tad-DNA fil-Kawża li għamlet l-istess Attriċi kontra l-konvenut fil-kawża fuq imsemmija ukoll ikkonkluda li l-konvenut li mhux il-missier bijoloġiku tal-imsemmija Sarah Ebejer (a fol 83 ara wkoll rapport a fol 86). Però, joħroġ il-għaġeb, dan ir-rapport kien qed ikun ikkontestat mill-Attriċi stess (a fol 91).*

*Minflok qagħdet fuq ir-riżultanzi ta' dik il-Kawża kif bħal donnha riedet skont il-verbal fuq imsemmi, l-attriċi talbet li jinħatar istitut barrani fil-kawża odjerna u ċjoè l-medical Genetics and Human Genetics Charite' Berlin biex jagħmel DNA test u saħansitra talbet li tkun preżenti għat-test, bil-Qorti twiddibha, li ma tagħmel xejn li jostakola dan il-proċess. Għamlet din it-talba meta kienet hi stess li fil-verbal fuq imsemmi*

*ddikjarat li din il-Qorti ma kinitx adita għaldaqshekk.*

*Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2020 l-Attriċi talbet li ai fini ta' dan id-DNA test jittieħed kampjun tas-saliva, tad-demm tal-basla tar-ras. Din it-talba waslet biex naffret anke lill-espert li kellu jagħmel dan it-test. Di fatti fil-24 ta' Ottubru 2020 Dr. Felice Klaumann, l-espert inkwistjoni, talbet li tiġi eżonerata mill-inkarigu għaliex "as I have trusted the laboratory and as medical not indicated, ONE test of cells are conclusive. I hereby then cancel my service cause it is ridiculous, how things are handed". Din l-espert qalet ukoll li "that this does not make medical sense". Flok irrejalizzat li dak li qed titlob ma jagħmilx sens, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2020, talbet li minflok jiġi maħtur Basile Cherubino biex jagħmel it-test bl-insistenza li jittieħdu t-tliet samples. Dan sar dejjem fuq suġġerimenti tal-Attriċi li fil-parti kbira tagħhom ma kinux opposti mill-Konvenut.*

*B'mod mill-aktar inkredibbli, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021, l-Attriċi injorat għalkollox dak li ordnat il-Qorti u abbandunat it-talba tagħha ta' testijiet oħrajn. Bdiet isostni, li kellha f'idejha ċertifikat tad-DNA li juri l-kuntrarju taċ-ċertifikati l-oħra kollha, (a fol 149 u a fol 152 sa 155). Għal dan l-iskop reġa' ttella' Dr. Christopher Farrugia u ċaħad li qatt ma ħareġ dak iċ-ċertifikat u bl-istess mod ċaħdu li qatt ma marru għal xi DNA test għad-DNA Consulta, li hija d-ditta ta' Christopher Farruġia, kemm Sarah Ebejer u l-konvenut (a' fol 162, 163 u 173 sa 175). Il-Qorti għandha dubbji serji dwar il-veraċità tal-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat u ma teskludix li kien wieħed falz. Iżda l-Qorti ma riditx tkompli tikkomplika l-proċeduri bħal ma donnha dejjem riedet tagħmel l-Attriċi, li saħansitra ġiet immultata minn din il-Qorti għal disturb u diżordni fl-Awla (ara fol 189 u tergo). Għalhekk baqgħet għaddejja bil-prosegwiment tal-Kawża.*

*Meta l-kawża kienet tħalliet għall-kontroeżami tal-konvenut, l-Attriċi, meravilja tal-meravilji, talbet li tixhed viva voce. Il-Qorti fakkritha li kienet diġà xehdet bl-affidavit u rreferitha ukoll għall-verbal tal-21 ta' Ġunju 2021 fejn kienet iddikjarat li għalqet il-provi tagħha. F'dan l-istadju, anke l-konvenut kien għalaq il-provi tiegħu. Għalkemm is-sabar ta' din il-Qorti huwa kbir, din id-darba ma ppermettitilhiex li tixhed għaliex ma riditx li tipprolunga aktar dawn il-proċeduri.*

*Permezz ta' rikors tas-7 ta' Marzu 2022 l-Attriċi li reġgħet talbet li jinħatar perit ieħor biex jagħmel DNA. Permezz ta' digriet tat-3 ta' Mejju 2022, din il-Qorti, tat spjegazzjoni dettaljata ta' x'ġara f'din il-Kawża, u ċaħdet it-talba. Peress li dawn il-proċeduri ma damux biżżejjed u inutilment, l-Attriċi għamlet talba biex tappella minn dan id-digriet (a 'fol 215). Din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet mogħti fil-miftuħ (a' fol 278).*

*Li ma kienx għall-fatt, li din il-Qorti tgħożż bil-kbir il-prinċipju ta' smigħ xieraq, forsi dawn il-proċeduri ma kinux idumu daqshekk. Bħal donnha l-Attriċi trid ta' bilfors tgħaddi tagħha meta minn dak li rriżulta lil din il-Qorti huwa ċar miktub fuq il-ħajt tal-verità, li l-konvenut mhux il-missier*

*bijoloġiku ta' Sarah Ebejer.*

*Din qatt ma kienet parti għal din il-Kawża minkejja li din kienet kwistjoni li tolqot anke intrinsikament lilha. Imma ħadd mill-partijiet ma talab li tkun kjamata fil-Kawża. Anke l-istess Sarah Ebejer, minkejja konsapevoli bl-eżistenza ta' dawn il-proċeduri, ma għamlitx talba biex tintevjeni jew li tkun kjamata. Tant kienet konsapevoli b'dawn il-proċeduri li anke affidavit għamlet f'dawn il-proċeduri (a fol 162). Din ukoll qatt ma ġiet kontroeżaminata. Lanqas ommha Eunice qatt ma tressqet b'xhud.*

*Il-Qorti waslet ukoll għall-konklużjoni, li anke jekk l-Attriċi kellha s-suspett dwar dak li tallega, mhux minnu li saret taf biss dan l-aħħar kif tgħid fir-raba' premessa tar-rikors ġuramentat (ara wkoll affidavit tal-Attriċi a fol 46 it-tieni paragrafu). Di fatti Gillian Cousin, tiddikjara b'affidavit li ommha kienet tgħidilha li l-konvenut għandu tifla minn girlfriend' (aff maħluf 2/11/2017 (a fol 39). Ħaġa tal-għaġeb, l-Attriċi saħansitra għamlet kwerela kriminali biex jittieħdu proċeduri kontra tagħha għall-ġurament falz kontra bintha, mingħajr ma qieset x'konsegwenzi rapport bħal dan jista' jġib fuq bintha stess. Tajjeb li jiġi rilevat, li f'din il-Kawża, l-Attriċi qatt ma ħasset il-ħtieġa li tikkontroeżamina lil bintha anke biex tattakka l-kredibiltà tagħha.*

*Il-Qorti issibha ħaġa stramba wkoll, li l-Attriċi ottjeniet divorzju abbażi fost oħrajn, tal-kuntratt ta' separazzjoni li llum qed tipprova tannulla. Is-Sentenza ngħatat fil-25 ta' Mejju 2017 proprju, ftit tax-xhur qabel ma ntavolat il-Kawża odjerna.*

*Wara dan kollu, din il-Qorti, mill-provi li għandha quddiemha, qatt ma tista' tasal għall-konklużjoni li l-Attriċi rnexxielha tipprova t-talbiet tagħha anke fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali fuq imsemmi. Ma hemm ebda prova, lanqas waħda remota, ta' dak li tallega l-Attriċi. Kull kumment ieħor ikun superfluwu għaliex res ipsa loquitur u l-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti jitkellmu għalihom infushom u ċjoè, li ma hemm ebda ness bijoloġiku bejn l-konvenut u l-imsemmija Sarah Ebejer.*

*Dan ifisser li per konsegwenza jikkrollaw b'saħħa l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet li qed tagħmel l-Attriċi fil-konfront tal-konvenut. Għalhekk it-talbiet attriċi li għadhom pendenti ser ikunu miċħuda".*

12. L-attriċi appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fid-9 ta' Frar, 2023 li permezz tiegħu ressqet sitt aggravji.

13. Il-konvenut wieġeb permezz tar-risposta tiegħu tat-22 ta' Frar, 2023

u ta r-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

14. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. F'dan l-istadju tajjeb li jiġi ppreċiżat li mal-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi ċediet ir-raba', il-ħames u s-sitt talbiet tagħha fir-rikors maħluf.

16. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanti tiddikjara li hija mhux qiegħda titlob ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li permezz tagħha ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet. Tiddikjara li dan l-appell tagħha huwa limitat għall-ewwel talba fir-rikors maħluf fejn tikkonċerna l-kwistjoni tad-DNA, kif ukoll qiegħda tappella mid-digrieti preliminari li kienu preordinati għall-ewwel talba.

17. Illi huwa meħtieġ li ssir referenza qabelxejn għall-prinċipji ġenerali li din il-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha f'kawża bħal dik tal-lum.

18. L-appellanti tgħid li l-appell huwa limitat għall-ewwel talba fejn tikkonċerna d-DNA. Fl-ewwel talba l-appellanti talbet lill-Qorti sabiex issib li l-kunsens li hija tat fuq il-kuntratt tas-separazzjoni kien riżultat ta' għemil qarrieqi min-naħa tal-konvenut u li hija tat il-kunsens tagħha bi żball dwar fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim. Fi ftit kliem, l-appellanti tgħid li snin wara li hija ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni minn mal-konvenut, waslitilha informazzjoni li l-konvenut, qabel l-iffirmar ta' dan il-kuntratt kellu tarbija minn mara oħra, liema fatt kien ġie mistur minnha mill-istess konvenut. Tgħid li kieku kienet taf ma kinitx tiffirma l-kuntratt tas-separazzjoni. B'hekk waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel hija insistiet ħafna li tipprova dak allegat minnha billi ssir il-prova tad-DNA fuq minuri, li l-konvenut jiċħad li hija l-wild naturali tiegħu, anke jekk huwa ilu snin f'relazzjoni intima ma' omm din l-istess minuri.

19. Huwa magħruf li r-rekwiżiti meħtieġa sabiex kuntratt ikun jiswa huma l-kapaċità tal-partijiet li jikkuntrattaw, il-kunsens, ħaġa żgura bħala l-oġġett tal-kuntratt, u kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu.

20. Kwalunkwe kuntratt jew ftehim għandu favur tiegħu l-preżunzjoni tas-sinċerità u tar-realtà. Min irid iwaqqa' din il-presunzjoni jrid iġib il-prova konkludenti u perswasiva tan-nuqqas minnu allegata. Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mod permess mil-liġi, anki permezz ta' xhieda; iżda dan il-prinċipju jiġi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat att

pubbliku, minħabba l-akbar fidi li tirriponi fih il-liġi. Għalhekk id-deduzzjonijiet kontra dak l-att għandhom ikunu speċifici u ċirkostanzjali, u l-presunzjonijiet gravi, preċiżi u konkludenti (***Vol 27 p2 p 551*** u ***Vol 37 p2 p 797***). Hemm bżonn, kif jgħid **Butera,** li jiġu mħarsa *«la sicurezza e la stabilità delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e la realtà dell'altro contraente.»*[2]

21. L-**Artikolu 976(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.»*

22. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Mejju, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Elmein Limited v. Paul Bartolo et*** ġie mgħallem:

> *"....fis-sentenza fl-ismijiet* ***Charles Spiteri et v. Associated Supplies Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2003 intqal illi:*
>
> > *"Fir-rigward hi ġurisprudenza paċifika illi biex jinvalida ftehim l-iżball irid ikun sostanzjali, skużabbli u determinanti. Dan tal-aħħar fis-sens li mingħajru l-parti li tkun ikkuntrattat taħt l-iżball ma kienetx tagħti l-kunsens tagħha kieku kienet taf il-verità (ara* ***Michael Cachia v. Dr. Frank X. Vassallo****, Appell Ċivili, 20 ta' Ottubru 1961). Kwantu għal kriterju tas-sostanzjalità jinsab ġeneralment ritenut li żball soġġettiv jista' jkun biżżejjed (Vol XXIV pI p1131; Vol XXXIV pIII p753). Ġie però aktar approfondit illi għalkemm żbalji ta' natura soġġettiva kapaċi jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur dawn "ma jikkostitwux l-iżball oġġettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identità preċiża, il-kwalità intrinsika tal-oġġett, li huwa l-iżball li l-liġi tirrikonoxxi bħala l-element li effettivament jannulla l-kunsens meħtieġ għall-validità ta' kull kuntratt" -* ***Spiridione Cauchi v. Amelia Borg et****, Appell, 11 ta' Ġunju 1992. Fl-aħħar nett, biex żball jitqies skużabbli dan jiġri meta jkun kawżat mill-fatt tal-parti l-oħra. Anke hawn però ġie ritenut illi mhuwiex żball skużabbli dak li wieħed jaqa' fih meta l-fattijiet li għalihom jirreferixxi dak l-iżball kienu faċilment aċċertabbli."*

[2] ***Pauline Vella Moran et v. Concetta Abela*****,** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Novembru, 2012.

Fir-rigward tal-iskużabbilità tal-iżball, huwa rilevanti l-prinċipju rilevat *fis-sentenza fl-ismijiet* ***G. Germani Mifsud et v. Chierico F. Bonnici*** *deċiża mill-Appell Kummerċjali fl-4 ta' Ġunju, 1910:*

> *"…è mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve nè protezione nè offesa…se non è stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non può ascoltare la voce di colui che non può la slealtà altrui senza gettare sopra se stesso la traccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita.""*

23. L-**Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.»* Is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jgħid li l-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.

24. Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq[3], li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq[4]. Fuq kollox, «*l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non può essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza.*[5]»

---

[3] Appell. Kummerċjali. 31 ta' Marzu, 1967 fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et v. Farrugia et*** (Kollez. Vol: LI.i.546).
[4] Prim'Awla 6 ta' Diċembru, 2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et v. Carmen Taliana.***
[5] Cass. 8.5.1969 nru. 1570.

25. Illi huwa magħruf li l-qerq mhuwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss[6]. Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim[7]. Biex il-qerq jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġiri u skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa[8]. Fuq kollox[9], tali qerq irid ikun ta' gravità u serjetà tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim[10]. Jekk, imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebaħ bih bid-dehen ordinarju tagħha[11].

26. Kif diġà ngħad, l-appellanti ressqet sitt aggravji li se jiġu meqjusa flimkien għaliex uħud minnhom huma ripetizzjoni ta' xulxin, filwaqt li oħrajn jirkbu fuq xulxin.

---

[6] **Art. 981(2) tal-Kap 16**.
[7] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, paġ. 272.
[8] Prim'Awla, 4 ta' Marzu, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Zammit noe v. Joseph Fenech et.***
[9] Prim'Awla, 4 ta' Frar, 1965 fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe v. Tanti*** (Kollez. Vol: XLIX.ii.722).
[10] Prim'Awla, 13 ta' Frar, 1946 fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras v. Zimmermann Barbaro*** (Kollez. Vol: XXXII.ii.223).
[11] App. Ċiv. 23 ta' Settembru, 2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et v. Sammy Mifsud et noe***.

27. L-appellanti bdiet b'dak li sejħitu bħala **aggravju ġenerali**. Tilmenta dwar ċertu espressjonijiet fis-sentenza tal-Ewwel Qorti dwar l-imġiba tagħha u kif mexxiet il-kawża, li skontha ma kinux f'lokhom, anke għaliex hija fdat ruħha f'idejn l-avukati tagħha ta' dak iż-żmien. Tgħaddi sabiex tirreferi għall-kawżi li fetaħ l-avukat li kien jidher għaliha qabel u tgħid li l-mod kif tmexxew ma kien tajjeb xejn. Tirreferi wkoll għall-proċeduri quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku, li però jingħad li m'hemm ebda referenza għalihom fl-atti tal-kawża tagħna. B'hekk jiġi li kull kumment dwar l-istess għandu jitwarrab.

28. Għal dan l-aggravju l-konvenut wieġeb li fil-liġi tagħna ma jeżistix aggravju ta' natura ġenerali.

29. Ġie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Ġunju, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Abdul Hakkim Hassan Abdulle et v. Ministru tal-Ġustizzja u Intern et*** li: *«Il-fatt biss li l-appellanti, għalkemm taħt l-intestatura ta' "L-ewwel aggravju", ma mpostawx din il-kwistjoni bħala aggravju iżda biss bħala kweżit indirizzat lejn il-Qorti biex tirrisolvih kif jidhrilha hi huwa suffiċjenti sabiex dan "l-aggravju" jiġi miċħud peress li din il-Qorti mhux qiegħda biex twieġeb għad-domandi li jsirulha mill-partijiet iżda biex tiddeċiedi dwar il-kontroversji ta' bejniethom.»* Dan it-tagħlim jgħodd ukoll għal dan l-"aggravju ġenerali".

30. Din il-Qorti se tgħid biss li: *«Huwa paċifiku illi l-avukat huwa, fis-sens tal-**Artikolu 1862, Kodiċi Ċivili**, mandatarju tal-klijent tiegħu b'mandat speċjali għall-finijiet tal-kawża (ara **Vol. X paġna 301 u Vol. XIX P I p 129**). Għaldaqstant il-varji dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili in kwantu jikkonċernaw ir-rappreżentanza jew assistenza ta' avukat [ad exemplum Artikolu 688(3)] iservu u huma intiżi biex dak il-mandat jiġi eżerċitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju u biex ma jiġix eċċedut mingħajr l-inkarigu speċjali tal-klijent»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-16 ta' Marzu, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et***). Fil-każ tagħna ma tressqet ebda prova li l-avukati li ssemmew marru lil hemm mill-inkarigu mogħti lilhom mill-istess attriċi u għalhekk dak kollu li ntqal fir-rikors tal-appell dwar dan huwa biss asserzjonijiet fiergħa li ma huma ta' ġieħ għal ħadd.

31. Ngħaddu issa għall-kumplament tal-appell imressaq. Huwa xieraq li din il-Qorti tibda billi tistħarreġ l-aggravju dwar id-digrieti tat-3 ta' Mejju, 2022 u tas-27 ta' Mejju, 2022.

32. Illi bid-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti li saret fl-1 ta' Diċembru, 2021 li jsir eżami tad-DNA b'żewġ kampjuni – wieħed biex jinżamm mill-Qorti u l-ieħor minnha.

33. L-Ewwel Qorti wara li rreferiet għall-*iter* tal-kawża ċaħdet it-talba. Ir-raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-talba kienu dawn:

> *"Il-Qorti ħasset li kellha tagħmel riassunt tat-trajettorja penuża li ħadet din il-Kawża minħabba talbiet kontinwi u erratiċi tal-Attriċi fejn saħansitra skoraġġiet esperti maħtura fuq talba tagħha stess milli jaċċettaw l-inkarigu, bħal ma hi Dr.Maria Felice Klaumann. A propożitu, din it-tabiba saħansitra qalet li l-partijiet qed ittawlu l-proċeduri. Il-Qorti hija tal-fehma, li dan id-dewmien huwa kkawżat mill-attriċi stess, għaliex il-konvenut f'bosta drabi qabel mat-talbiet attriċi. F'din il-Kawża diġà ġew esebiti żewġ ċertifikati tad-DNA, li qatt ma ġew ikkontestati. Biżżejjed, jingħad li qabel għalqet il-provi tagħha, l-Attriċi ma ħassitx li kellha ttella' lil Dr. Maria Cassar għall-kontroeżami.*
>
> *Kwantu għal dak li qiegħed ikun mitlub fir-rikors tal-24 ta' Marzu 2022, mhux minnu li din il-Qorti ma ħatret ebda espert għall-eżami tad-DNA. Tirriferi lill-Attriċi għall-verbal tat-12 ta' Diċembru 2019 fejn fuq suġġeriment tagħha stess, il-Qorti ħatret lill-Institute of Medical Genetics Charité Berlin. Kif jirriżulta mill-verbali fuq imsemmija, kienet l-istess bit-talbiet eżotiċi tagħha, li naffret lil Dr. Maria Felice Klaumann, li taħdem ma' dan l-Istitut u dan kif spjegat aktar 'il fuq.*
>
> *Meta l-imsemmija tabiba ġiet sostitwita minn espert ieħor, din id-darba b'Dr. Basile Cherubino, dejjem fuq suġġeriment tal-Attriċi, kif jirriżulta mill-verbali fuq imsemmija, flok ikkoperat miegħu, għal darboħra reġgħet iddemolit il-binarji tat-talbiet tagħha stess. Għalkemm, l-inkarigu tal-Istitut fuq imsemmi ma ġiex revokat formalment, u huwa manifestament ċar, li bit-talbiet sussegwenti tagħha, l-Attriċi abbandunat għalkollox dawn it-talbiet, partikolarment bl-aħħar rikors tagħha, flimkien mat-talba l-oħra li saret fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021.*
>
> *Il-Qorti tfakkar ukoll, li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2019, l-Avukati li kienu jippatroċinaw lill-Attriċi ddikjaraw li m'għandhom ebda oppożizzjoni li jiġi esebit mill-konvenut iċ-ċertifikat ta' Dr. Blundell. Fil-fatt, dan iċ-ċertifikat ġie esebit seduta stante u jekk ma tridx l-Attriċi qabblet li huwa kopja fidila tal-oriġinal.*
>
> *Il-Qorti hija tal-fehma, li din il-kawża ħadet tul ta' żmien inutli, anke jekk għamlet dak kollu li setgħet biex tispedixxi dawn il-proċeduri.*
>
> *Għalhekk ser tkun qed tiċħad kemm it-talba tal-Attriċi magħmula fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021, anke fid-dawl tat-talbiet magħmula fl-aħħar rikors tagħha tas-7 ta' Marzu 2022 u kif ukoll t-talbiet f'dan l-aħħar rikors".*

34. Fl-appell tagħha, l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti aċċettat ir-rapport *ex parte* ta' Dr. Marisa Cassar li ġie kkonfermat minnha permezz ta' affidavit. Tgħid li meta tkun qiegħda tiġi mistħarrġa materja bħal din, trid tkun il-Qorti li taħtar l-espert. Iżda l-Ewwel Qorti aċċettatu meta kien hemm kontestazzjoni dwaru.

35. Biżżejjed jingħad minn din il-Qorti li ġie miżmum fis-sentenza fl-ismijiet ***Clorinda Caruana vs Anne Agius***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2001 li: *«Illi fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-* ***Artikolu 563A(1) tal-Kap 12****, il-prova mressqa b'opinjoni ta' espert ex parte hija llum il-ġurnata ammissibbli bħala prova. Biex dan iseħħ, il-liġi tisħaq li l-persuna li tittella' bħala xhud ikollha l-kwalifiki meħtieġa dwar il-kwistjoni li tixhed dwarha. Minbarra dan, il-liġi tħalli xorta waħda fid-diskrezzjoni tal-Qorti d-dritt li ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-istess perit (ara* ***Artikolu 563A(3)*** *u* ***681 tal-Kap 12****) jew li taħtar perit hija stess skont id-dispożizzjonijiet tal-****Artikolu 646****»* (ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Valle Del Miele Limited v. Raphael Aloisio et***, deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2009)

36. Stabbilit li r-rapport ta' Dr. Cassar hija prova ammissibbli, ma ġiex ippruvat li Dr. Marisa Cassar mhijiex espert kompetenti f'dan il-qasam. Ma sarulha l-ebda mistoqsijiet in kontroeżami.

37. L-appellanti tilmenta wkoll dwar ir-rapport tal-Profs Blundell, liema rapport kien ippreżentat fil-kawża bejn il-partijiet li kienet pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), eventwalment ċeduta mill-attriċi. Kienet dik il-Qorti li nnominat lil Profs Blundell bħala espert tad-DNA. L-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti aċċettat dan ir-rapport meta hija kienet qiegħda tikkontestah minħabba ħbiberija bejn l-espert u l-appellat għaliex dehru flimkien fuq *facebook* u programmi televiżivi.

38. Tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma ħatritx espert tad-DNA u b'hekk ma jistax jingħad li kellha quddiemha taħt il-kontroll tagħha ġudizzju dwar l-istess DNA. Tgħarraf ukoll li l-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċeditha għaliex kien kontra l-liġi li l-istess mertu jiġi trattat quddiem żewġ qrati.

39. Ma jistax ma jingħadx li dak allegat mill-appellanti dwar din il-ħbiberija mhux ippruvat. L-appellat jiċħad dan kollu.

40. Mhux biss, f'dan l-istadju jeħtieġ li ssir referenza għall-verbal tal-10 ta' Ottubru, 2019. F'din is-seduta l-avukat tal-appellat għarfet lill-Ewwel Qorti, fil-preżenza tal-appellanti, li billi din il-kawża kienet qiegħda tistenna l-eżitu tar-rapport tal-perit maħtur mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), ir-rapport maħluf ta' Profs Blundell kien ikkonkluda li Mario Spiteri mhux il-missier ta' Sarah Ebejer. Wara li l-kawża ġiet posposta, l-

attriċi dehret flimkien mal-avukati tagħha li kienu qegħdin jirrappreżentawha dak iż-żmien, u l-avukat tagħha ddikjara li kien qiegħed jaqbel mal-verbal magħmul mill-avukat tal-konvenut u li ma kien hemm ebda oppożizzjoni li r-rapport imsemmi jiġi esebit mill-konvenut b'nota fir-Reġistru. Dak il-ħin stess, il-konvenut offra li jesebixxi kopja tar-rapport u l-attriċi qablet li dik il-kopja hija kopja fidila tal-oriġinal.

41. Illi dak dikjarat fil-verbal tas-seduta jikkostitwixxi kważi-kuntratt ġudizzjali u jorbot lil min ikun għamlu. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tosserva li fl-ebda mument l-appellanti ma sostniet li l-avukati marru lil hemm mill-mandat mogħti lilhom (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Lulju, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Yorgen Fenech v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***).

42. Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Theuma et v. Gianni Vella et*, **tenniet li huwa magħruf li verbal miżmum mir-Reġistratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Gauċi v. Lorenzo Bonanno*** deċiża fis-7 ta' Jannar 1939*: «Il-verbal li jsir f'isem il-partijiet quddiem il-Qorti bħala transazzjoni tal-kontroversja ta' bejniethom jikkostitwixxi att pubbliku, u bħali tali huwa kuntratt.»*

43. B'żieda ma' dan jingħad li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Marzu, 1953, fil-kawża fl-ismijiet ***Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono*** ngħad li l-liġi trid li kull dikjarazzjoni magħmula mqar bil-fomm minn avukat tista' titreġġa' lura b'nota f'kull waqt tal-kawża mqar fi stadju ta' appell, qabel tingħata s-sentenza, imbasta ma jintweriex li dik id-dikjarazzjoni saret b'inkarigu speċjali tal-parti li għaliha dak l-avukat kien qiegħed jidher. Ingħad ukoll li dan il-prinċipju jgħodd biss fejn id-dikjarazzjoni tkun tirrigwarda punt ta' fatt imsemmi f'dik id-dikjarazzjoni u mhux meta jkun hemm involut punt ta' dritt, f'liema każ tali dikjarazzjoni ma tistax titreġġa' lura (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 1950, fil-kawża fl-ismijiet ***Teresa Zammit pro et noe v. Ġanni Zammit pro et noe;*** kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu, 2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Valfracht Roro Line Limited v. KD Commercials Limited***).

44. Fil-każ tagħna, l-appellanti kienet preżenti fl-Awla nhar l-10 ta' Ottubru, 2019, meta ġie esebit ir-rapport tal-Profs Blundell, u kwalunkwe allegazzjoni li għamlet ma tressqet ebda prova dwarha biex tkun sostanzjata. Ma ressqet ebda prova sabiex b'xi mod turi li l-eżami mwettaq mill-Prof Blundell (li sar minn laboratorju barra minn Malta) ma sarx skont il-parametri meħtieġa fil-qasam mediku u bil-kawteli kollha.

45. Fuq kollox, *«Kif jinsab ritenut, "hu ben not illi Qorti tal-Appell ma tidħolx fil-ġudizzju tal-ewwel Qorti ħlief f'każi eċċezzjonali dwar ir-rilevanza tal-provi. Għalħekk ħu mħolli għad-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti jekk għandhiex tinnomina Periti u x' inkariku tagħtihom, purké jifformaw il-mertu tal-kawża" (**Kollez. Vol. XXIX P I p 466**)»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-30 ta' Mejju, 2007 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bezzina et v. John Portelli et***).

46. Barra minn hekk, l-appellanti lanqas qiegħda tgħid is-sewwa. L-Ewwel Qorti ħatret esperti tad-DNA, liema esperti kienu ssuġġeriti minnha u ma saret ebda oppożizzjoni min-naħa tal-konvenut. Dan kif jirriżulta mill-analiżi li wettqet l-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju, 2022. Biżżejjed jingħad li l-ewwel esperta maħtura Dr. Felice Klaumann avżat lill-Ewwel Qorti li hija ma riditx tkompli bil-ħatra tagħha billi dak li riedet l-attriċi ma kienx jagħmel sens u *"one test of cells are conclusive".* L-Ewwel Qorti ħatret espert ieħor fuq suġġeriment tal-attriċi.

47. Jgħid sew għalhekk l-appellat li kienet l-appellanti li gerxet lill-esperti meta baqgħet tinsisti li t-testijiet tad-DNA jsiru kif riedet hija. Partikolarment fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2020 l-Ewwel Qorti fuq talba tal-appellanti rrevokat id-digriet tagħha fir-rigward ta' Dr. Felice Klaumann u filwaqt li kkonfermat l-inkarigu li ngħatat lill-Institute of Medical Genetics and Human Genetics Charité, Berlin, ħatret lil Dr.

Edward Basile Cherubino sabiex iwettaq it-testijiet mill-kampjun tad-demm, kampjun tal-bżieq u tal-basla tax-xagħar. Dr. Basile Cherubino avża lill-Qorti li sabiex isir id-DNA dan seta' jsir minn DNA Consulta jew direttament minn kumpanija barranija. Il-Qorti tat żmien lill-attriċi sabiex tiddikjara l-għażla tagħha. Minflok, fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2021 iddikjarat li kellha fil-pussess tagħha ċertifikat li kien juri l-kuntrarju taċ-ċertifikati li kienu fl-atti. In-nota li ppreżentat[12] kienet tgħid li għandha tinħatar aġenzija mill-Ewropa, possibbilment mill-Irlanda, u li tagħmel eżamijiet simili, b'dan li tibgħat l-espert tagħha ħalli jieħu l-kampjuni u l-istess kampjuni jittieħdu taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur jew deputat reġistratur fil-bini tal-Qorti.

48. Wara l-preżentata taċ-ċertifikat li semmiet u nstemgħu x-xhieda mressqa minnha, l-avukat difensur tal-appellanti ddikjara fis-seduta tal-21 ta' Ġunju, 2021, li l-attriċi għalqet il-provi tagħha. Sa dak l-istadju l-kwistjoni dwar il-ħatra mill-ġdid ta' espert tad-DNA ma kinitx ingħalqet definittivament. Imbagħad fl-1 ta' Diċembru, 2021 l-appellanti talbet mill-ġdid li jitwettaq l-eżami tad-DNA b'żewġ kampjuni, wieħed għall-Qorti u ieħor jingħata lilha għall-kontroll.

49. Din il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet waħda siewja. Barra mill-fatt li rriżulta li l-attriċi ħolqot bosta intoppi sabiex jitwettaq l-

[12] F'paġna 150 tal-proċess.

eżami tad-DNA. Ivvintat metodoloġiji ġodda li l-istess esperti qalulha li ma kellhomx isiru b'dak il-mod u ħolqot ħafna suspetti żejda fuq professjonisti. Ukoll kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti l-attriċi għażlet li tiddikjara li tagħlaq il-provi tagħha mingħajr ebda riżervi.

50. Fl-aħħar nett, hekk kif intqal mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Ġunju, 2015 fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Cutajar v. Malta:***

> *"The Court notes that the applicant complains about the domestic courts' refusal to allow a new DNA test. However, as also noted by the Constitutional Court, the Court observes that in the main disavowal of paternity proceedings, which were ongoing at the time of the availability of the new PP16 S test, the applicant had failed to request such a test. The Court considers that, given that a DNA test had already been undertaken and was not inadmissible for any procedural or other reasons, it cannot be said that it was for the courts to order a further test of their own motion in the absence of a request by the applicant (see conversely,* ***Kalacheva v. Russia****, no. 3451/05, § 34, 7 May 2009, where the Court found a violation of Article 8 where the domestic courts had failed of their own motion to order a new test after declaring the first one inadmissible).*
>
> *The Court further observes that the domestic courts' decisions in those proceedings were reached after assessing all the available evidence and were based on the material produced before them by the parties and the expert's conclusions, including the DNA test performed in 1992. Indeed according to the Court, a DNA test is the only scientific method of determining accurately the paternity of a child and its probative value substantially outweighs any other evidence to prove or disprove the fact of an intimate relationship (see* ***Kalacheva****, cited above, § 34, 7 May 2009). In consequence it cannot be said that the Civil Court and Court of Appeal in the disavowal of paternity proceedings, whose decision reflected the result of such test, failed in their obligation to respect the applicant's rights".*

51. Kif rajna fil-każ tagħna l-Ewwel Qorti kellha kull raġun tiċħad it-talba tal-appellanti wara li ngħatat bosta opportunitajiet u wara li kienet ħatret

esperti fuq talba tagħha iżda hija għażlet li ġġib ruħha bil-mod kif ġabet ruħha. Ebda parti m'għandha tippretendi li hija 'l fuq mil-liġi u li għandha timponi fuq kulħadd dak li trid hija meta dan ikun irraġonevoli bħalma kien f'dan il-każ. Din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema jedd, l-appellanti ppretendiet li żżomm kampjun hija bħala kontroll meta dan il-kampjun kien ta' terzi li lanqas kienu parti fil-kawża.

52. Imiss issa li din il-Qorti tqis l-ilment dwar id-digriet tas-27 ta' Ġunju, 2022 li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti kienet ċaħdet it-talba tal-attriċi sabiex tingħata permess u tappella mid-digriet li hija kienet tat fit-3 ta' Mejju, 2022. Ir-raġuni ewlenija li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-appellanti kienet minħabba li l-proċeduri kienu twalu żżejjed u dan ma kienx fl-interess tal-ġustizzja.

53. Hekk kif qal l-appellat, l-appellanti ma qalitx għalfejn kienet qiegħda tappella minn dan id-digriet. Fi kwalunkwe każ, jingħad li l-Ewwel Qorti fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif seħħew quddiemha kellha raġun tiddeċiedi kif iddeċidiet. Fl-aħħar mill-aħħar, l-attriċi permezz ta' dan ir-rikors tal-appell tagħha ressqet l-argumenti tagħha kontra d-digriet tat-3 ta' Mejju, 2022.

54. Għalhekk l-aggravju dwar id-digrieti preliminari qiegħed jiġi miċħud billi mhux siewi.

55. Ngħaddu issa għall-aggravju li l-appellanti semmiet bħala ***punt prinċipali tal-appell fis-sentenza finali.*** L-appellanti tfisser li dan huwa dwar it-test tad-DNA u t-tarbija li l-konvenut seta' kellu minn Eunice Ebejer kif kienet dak iż-żmien u llum Briffa. L-appellanti terġa' ssemmi l-proċeduri tal-annullament u li m'hemmx xrara ta' prova dwarhom fl-atti, u għalhekk *quod non est in actis non est in mundo.* F'kull każ m'għandhomx rilevanza għall-każ tagħna.

56. L-appellanti ssemmi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tgħid li ma nstabitx ħatja ta' ġurament falz, iżda ma tressqet ebda prova ta' dawn il-proċeduri. Tgħid li tikkontesta x-xhieda ta' bintha u tirreferi mill-ġdid li l-Ewwel Qorti ma ħatritx espert u li l-Profs Blundell ma ħalifx ir-rapport tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Issemmi wkoll li l-Ewwel Qorti semmiet lil Anton Ebejer li kien ir-raġel ta' Eunice Ebejer, meta dan qatt ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

57. Għal dak li huwa r-rapport tal-Profs Blundell, l-appellat għandu raġun jgħid li dan ir-rapport kien inħallef diġà quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u li kontroeżami lanqas ma sar. Mhux hekk biss, iżda ssir referenza mill-ġdid għal dak li diġà ntqal minn din il-Qorti aktar 'il fuq f'din is-sentenza rigward il-verbal magħmul. Dwar missier il-minuri, huwa evidenti li l-Ewwel Qorti ħarset lejn iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri li jinsab fl-atti.

58. Għalhekk dan l-aggravju huwa miċħud.

59. L-appellanti tressaq ukoll aggravju dwar dak li ssejjaħ ***elementi oħra irrelevanti fis-sentenza***. Tgħid li l-fatt li hija biddlet l-avukat huwa dritt tagħha għaliex ma kinitx qiegħda titmexxa sew u tgħid li kienet mixgħufa minn dak li kien ġralha fil-passat u b'hekk kellha ċertu preokkupazzjonijiet.

60. Din il-Qorti tqis li dan lanqas jista' jitqies bħala aggravju proprju u għalhekk anke abbażi ta' dak fuq deċiż, ma tqisx li għandha taħli wisq żmien fuqu. Tgħid biss li filwaqt li huwa dritt ta' kull parti li tkun megħjuna minn avukat ta' fiduċja tagħha, u li f'każ ta' nuqqas ta' qbil tbiddel dak l-avukat, iżda dan qatt m'għandu jwassal sabiex il-perkors tal-ġustizzja jiġi mxekkel.

61. L-aggravju li jmiss huwa dwar għarbiel ħażin tal-provi. Hawn l-appellanti ssemmi li l-Ewwel Qorti qalet li lanqas kontroeżami ta' Sarah Ebejer ma sar. Tgħid li l-kwistjoni kollha ma setgħetx tixhed dwarha Sarah Ebejer billi l-kwistjoni hija dwar fatt meta kienet għadha lanqas bdiet l-eżistenza tagħha.

62. Din il-Qorti ma tistax tifhem l-appellanti xi trid tgħid bih dan l-

aggravju. Fi kwalunkwe każ, l-Ewwel Qorti qalet biss stat ta' fatt ċjoè li Sarah Ebejer mhijiex parti fil-kawża u ma sarx kontroeżami tagħha. Jiġi nnutat li l-affidavit ta' din ix-xhud huwa limitat għal dikjarazzjoni min-naħa tagħha li hija qatt ma marret għand DNA Consulta biex tagħmel DNA test. Din id-dikjarazzjoni m'għandha x'taqsam xejn maż-żmien tal-konċepiment, iżda għandha x'taqsam maċ-ċertifikat li eżebit l-appellanti li jagħti x'tifhem li sar dan l-eżami u ttieħdu l-kampjuni (inkluż tal-istess Sarah Ebejer) sabiex jiġi determinat min hu l-missier bijoloġiku tagħha.

63. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma wettqet ebda għarbiel ħażin tal-provi u dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

64. Illi dwar l-appell prinċipali, jekk jista' jissejjaħ hekk, l-appellanti tikkonċentra ruħha fuq il-kwistjoni tad-DNA u fuq l-allegazzjoni tagħha li l-appellat kellu relazzjoni adultera, u li minn din ir-relazzjoni twieldet tifla u dan qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni. Fl-appell tagħha l-appellanti ma semmietx wisq l-analiżi li wettqet l-Ewwel Qorti, iżda kkoncentrat fuq ħafna asserzjonijiet u allegazzjonijiet.

65. Fil-fehma ta' din il-Qorti jeħtieġ li kollox jitqies fil-perspettiva tat-talbiet li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u li għandha issa quddiemha din il-Qorti. L-azzjoni hija dwar vizzju tal-kunsens tal-appellanti meta hija ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni.

66. L-appellanti tinsisti fuq il-kwistjoni tad-DNA, li diġà ġiet mistħarrġa fil-parti tas-sentenza meta qieset l-aggravju dwar id-digrieti preliminari u b'hekk m'hemmx ħtieġa li din il-Qorti terġa' tidħol fuq din il-kwistjoni billi l-istess argumenti u prinċipji jgħoddu.

67. Il-konvenut appellat ċaħad sa mill-bidu nett li l-minuri msemmija mill-appellanti hija l-wild naturali tiegħu. Ressaq xhieda ta' waħda minn uliedu li wkoll qalet li meta hija saret taf lil din il-mara (li magħha l-appellat kellu relazzjoni li huwa jsostni li bdiet ferm wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni) diġà kellha lil din il-minuri, u b'hekk żgur li l-konvenut mhux missierha. Kontroeżami ta' din ix-xhud ma sarx.

68. Min-naħa l-oħra l-attriċi xehdet li kien permezz ta' telefonata anonima, ftit qabel ma fetħet dawn il-proċeduri, li xi ħadd qalilha li l-minuri hija bintu u li l-konvenut kellu ċertifikat tad-DNA li jgħid dan. Iżda kif rajna, dan iċ-ċertifikat mhux veritier. Tgħid li r-relazzjoni tagħha mal-konvenut kienet ilha xhur li spiċċat qabel l-iffirmar tal-kuntratt u li huwa ma baqax jgħix fid-dar magħha, u tixhed li tissuspetta li għalkemm kien qalilha li mar jgħix għand ommu dan ma kienx minnu. Iżda ebda prova tanġibbli ma tressqet mill-attriċi dwar dawn is-suspetti.

69. Fl-aħħar mill-aħħar, l-Ewwel Qorti kellha fl-atti żewġ rapporti ta' Dr.

Marisa Cassar u ta' Profs Renald Blundell li jeskludu li l-minuri hija bint il-konvenut. Fuq ix-xaqliba l-oħra, iċ-ċertifikat ippreżentat mill-appellanti rriżulta li huwa falz. Fuq dan id-dokument jidher li hemm il-firma ta' Dr. Christopher Farrugia, iżda meta Dr. Farrugia xehed u ġie muri d-dokument li suppost iġib il-firma tiegħu, b'ċertezza qal: li l-firma ma kinitx tiegħu u d-dokument ma kienx maħruġ mill-kumpanija tiegħu. L-istess xhud kien xehed f'seduti preċedenti li huwa ma kien għamel l-ebda eżami fuq dawn il-persuni. Il-provi l-oħra fl-atti bl-ebda mod ma jippruvaw l-allegazzjoni tal-attriċi.

70. Rilevanti ferm huwa dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Anne Zammit v. Carmelo Zammit et***, li *«f'materja ta' filjazzjoni l-Qorti trid tkun ferm rigoruża u attenta fejn tkun qed tiġi attakkata l-leġittimità tal-minuri.«* Kompliet tfisser li:

> *"L-iżvilupp fil-mediċina ġenetika llum irrenda l-kompitu ta' min irid jiġġudika anqas peżanti minn dak ta' żminijiet oħra u għamilha possibbli li l-Qorti tiġġudika l-każ hekk delikat b'kuxjenza aktar kwieta;*
>
> *Effettivament l-istess liġi takkorda piż sinifikanti ħafna lill-prova konsegwita bl-aċċertamenti ġenetiċi anke għaliex din tikkreja ċertezza assodanti tal-vera qagħda tal-paternità, u kapaċi telimina l-element inċert maħluq bil-presunzjoni tal-liġi tramandata mid-Dritt Ruman u kollokata fl-**Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili**".*

71. Fid-dawl ta' dan kollu, ma jistax jingħad li l-appellat qabel l-iffirmar tal-kuntratt tas-separazzjoni wettaq xi għemil qarrieqi fil-konfront tal-appellanti. Hekk kif lanqas jista' jingħad li l-appellanti tat il-kunsens

tagħha frott ta’ żball kif tgħid il-liġi.

72. Għal dawk li huma l-ispejjeż ta’ dan l-appell, l-appellat fit-tweġiba tiegħu saħaq li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju u li din il-Qorti għandha tikkundanna lill-appellanti tħallas spejjeż doppji.

73. Din il-Qorti jidhrilha li minħabba l-kwistjoni delikata li ġiet mistħarrġa m’għandhiex tilqa’ t-talba tal-appellat, b’dan li l-ispejjeż ta’ dan l-appell għandha tbatihom l-istess appellanti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta’ Anna Vassallo u b’hekk id-digrieti appellati u s-sentenza tal-Ewwel Qorti qegħdin jiġu kkonfermati, b’dan li l-ispejjeż ta’ dan l-appell għandha tbatihom l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm